# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 6**

**Rikors Maħluf Numru 277/2011/1 SM**

**Joseph Bugeja u għal kull interess li jista' jkollha martu Mary Grace Bugeja**

***v.***

**Go *p.l.c.***

1. Dan huwa appell tal-atturi konjuġi Bugeja minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Novembru, 2015 li biha ċaħdet it-talbiet kollha tal-istess atturi peress li ma sabet l-ebda responsabilità da parti tas-soċjetà konvenuta għall-inċident li seħħ fit-13 ta' Frar 2008 li fih korra l-attur.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: l-attur kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta bħala *technician*[1]. Kien jagħmel ċertu xogħol bħala impjegat "normali" tas-soċjetà konvenuta iżda kien ġie magħżul biex jagħmel xogħol ieħor bħala hekk imsejjaħ "*singleton.*" Għall-qadi tad-dmirijiet tiegħu bħala *singleton* l-attur kien jirċievi *allowance* tax-xogħol, u l-għodda u l-affarijiet kollha meħtieġa sabiex jeżegwixxi x-xogħolijiet in kwistjoni kienu jiġu provduti lilu mis-soċjetà konvenuta[2].

3. Fit-13 ta' Frar tas-sena 2001[3] l-attur ġie mqabbad[4] mill-istess soċjetà konvenuta sabiex jgħaddi servizz ta' linja ġewwa ħanut fil-lokalità ta' Fleur-De-Lys[5].

4. Sabiex jeżegwixxi x-xogħolijiet neċessarji, li kienu fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ħanut, kellu bżonn *driller* sabiex itaqqab toqba ġol-ħajt u jkun jista' jgħaddi l-*wire* tat-*telephone*, u kellu bżonn ukoll sellum biex ikun jista' jilħaq il-post fejn kellha ssir it-toqba. Dawn l-għodda ġew provduti lilu mis-soċjetà konvenuta.

5. Peress li l-kaxxa minn fejn kellu jagħti s-servizz tat-*telephone* kienet f'kantuniera u l-karrozzi jduru bis-saħħa għal fuq dik ir-rokna, l-attur talab u ngħata l-għajnuna ta' *singleton* ieħor tas-soċjetà konvenuta –

---

1 L-attur kien isewwi l-ħsarat li kienu jinqalgħu f'xi servizz provdut mis-soċjetà konvenuta u kien ukoll jitqabbad sabiex idaħħal servizz ġdid għall-klijenti tas-istess soċjetà.

2 Ara *fol.* 115 tal-proċess.

3 Ara *foll.* 40, 41 tal-proċess.

4 L-attur ġie mqabbad sabiex jeżegwixxi dan ix-xogħol fil-kapaċita tiegħu ta' *singleton.*

5 Ara *foll.* 41, 43, 103A tal-proċess.

is-Sur Mario Debono – biex jieħu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji sabiex ma jinqalax inċident fuq in-naħa ta’ barra tal-ħanut[6].

6. Qabel ma’ beda jesegwixxi x-xogħolijiet in kwistjoni, l-attur ivverifika numru ta’ affarijiet fosthom li ma kienx hemm ilma mal-art, partikolarment fiż-żona fejn kien ser ipoġġi s-sellum, kif ukoll li s-sellum, li kien tal-aluminju, kellu lastiku mas-saqajn tiegħu[7] u li l-lastiku tiegħu kien tajjeb[8].

7. Wara li serraħ moħħu li seta’ jeżegwixxi x-xogħolijiet in mingħajr perikolu[9] l-attur fetaħ is-sellum[10] dritt[11], serraħ is-sellum mal-ġenb tal-post fejn kellu jtaqqab it-toqba għall-*wire* tat-*telephone* – u mhux quddiem il-post fejn kellu bżonn itaqqab (sabiex is-sellum ikun fl-aktar posizzjoni soda)[12] – u beda jtaqqab.

8. Ġara iżda li wara li kien daħal “ftit mhux ħażin ‘il ġewwa”[13] bid-*driller* is-saqajn tas-sellum bdew jiżżerżqu ‘l barra[14]. Is-sellum spiċċa żżerżaq għoli ta’ madwar metru u nofs[15] u l-attur spiċċa waqa’ mal-art[16].

---

6 Ara *fol.* 103A tal-proċess.

7 Ara *fol.* 103B tal-proċess.

8 Ara *fol.* 103C tal-proċess.

9 Ara *fol.* 116 tal-proċess.

10 Ara *foll*. 103B, 103C, 112, 115 tal-proċess.

11 Ara *fol.* 41 tal-proċess.

12 Ara *fol.* 103C tal-proċess.

13 Ara *fol.* 103B tal-proċess.

14 Ara *foll.* 50, 123 tal-proċess.

15 Ara *fol* 116 tal-proċess. Ara wkoll *fol.* 41 tal-proċess.

16 Ara *foll.* 41, 43 tal-proċess.

9. Bħala konsegwenza tal-inċident l-attur sofra inkapaċità u debilità permanenti.

10. Peress li jidhrilhom illi s-soċjetà konvenuta weħedha taħti għal dan l-inċident l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara u tiddeċiedi illi il-kumpannija konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident minħabba nuqqasijiet attribbwibbli lilha u peress illi l-inċident ġara unikament tort tal-istess kumpanija konvenuta *Go plc*;
>
> »2. tillikwida d-danni hekk kkawżati;
>
> »3. tikkundanna lill-kumpanija konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati.«

11. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imħgax minn dakinhar tal-inċident.

12. Is-soċjetà konvenuta wieġbet hekk:

> »1. illi it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu riġettati bl-ispejjes stante li l-istess soċjetà eċċippjenti ma tistax tinstab responsabbli għall-akkadut sfortunat li fih korra l-attur billi hija la kienet traskurata, imprudenti, u jew negliġenti meta impjegat lill-attur u lanqas ma kienet tali meta tagħtu id-dmirijiet tiegħu u hu weġġa' u għalhekk l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda;
>
> »2. illi għalhekk isegwi ukoll li t-talbiet l-oħra ma jistgħux jiġu milqugħa u għandhom similment jiġu miċħuda bl-ispejjes;
>
> »3. illi kif jgħid l-istess attur u senjatament "jingħad illi l-esponenti ilu jagħmel dan ix-xogħol għal diversi snin sħaħ, laħaq akkwista esperjenza twila fuq ix-xogħol li kien jagħmel"; illi għalhekk isegwi illi, *dato ma non concesso* illi s-soċjetà eċċippjenti pprovdiet xi sellum difettuż, li mhux il-każ, huwa messu qagħad aktar attent u ma użax atrezzi li kien jaf jew messu kien jaf, bl-esperjenza twila li huwa jgħid li kellu fuq ix-xogħol, li ma kienx idoneju għall-użu intenzjonat; huwa l-attur stess li ikkawża l-inċident li fih korra meta ma qagħadx biżżejjed attent waqt ix-xogħol;
>
> »4. illi jekk, madanakollu, jinstab li s-soċjetà eċċippjenti hija respons-abbli għall-akkadut, imqar minimament, għandu jingħad illi l-attur jipprova jagħmel kapital mill-fatt li huwa kien jaħdem bħala *singleton*. L-attur ma kellu ebda assikurazzjoni li kien sejjer jibqa' jaħdem bħala tali u għalhekk dan il-fatt, *per se*, ma jistax jiġġjova lill-attur fil-*quantum* li għandu jiġi likwidat favur tiegħu.«

13. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Filwaqt li tirrespinġi t-talbiet tar-rikorrenti, takkolji t-talbiet tas-soċjetà intimata; bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.«

14. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat:

»illi l-fatti li taw lok għall-proċedura odjerna jistgħu jiġu sintetikament elenkati bil-mod segwenti mix-xhud okulari li kien hemm:

> »illi waqt li r-rikorrenti Joseph Bugeja kien qiegħed iħaffer toqba mall-ħajt bi *driller* f'għoli ta' madwar erba' piedi, ekwivalenti għal madwar metru punt tnejn (1.2 m), is-sellun li kien fuqu beda jiżżerżaq 'il barra min-naħa t'isfel;
>
> »illi l-intimat [*recte*, l-attur] Bugeja ħalla d-*driller* u pprova jżomm mas-sellum;
>
> »illi minkejja dan waqa' u, waqt li ġie fuq il-warrani tiegħu, laqat ukoll il-minkeb u saqajh;
>
> »illi s-sellun ħalla żewġ (2) marki vertikali mall-ħajt;
>
> »illi ma kien hemm l-ebda traċċa t'ilma, trab jew ta' materjal ma' l-art.

»Ikkunsidrat:

»illi bħala *singleton* ir-rikorrenti kien dovut jaħdem bil-mod segwenti skont l-istruzzjonijiet appożitament skritti mis-soċjetà intimata u mogħtija lill-impjegati tagħha kkonċernati, fosthom lir-rikorrenti:

> »illi meta għal kwalunkwe raġuni *singleton* ma jkunx jista' jaħdem fis-sigurtà għandu jitlob li jkun assistit;
>
> »illi skont il-manwal tas-soċjetà intimata intitolat *Is-Saħħa u s-Sigurtà: Gwida għall-ħaddiema ta' barra*" hemm tassattivament indikat is-segwenti:
>
> > »"Għal xogħol li qed isir minn *singleton*, għandha tintuża l-*ladder securer* … … …
>
> »illi xogħol fuq slielem ta' għoxrin (20) pied għoli jistgħu jiġu eżegwiti minn impjegat waħdu;
>
> »illi kwalunkwe diffikultà l-ewwel għandha tiġi indikata lill-*foreman* u, jekk hemm bżonn, lis-*safety officer*;
>
> »illi l-*foreman* irid jeżegwixxi spezzjonijiet frekwenti, liema spezzjonijiet għandhom ikunu reġġistrati;
>
> »illi meta s-slielem jintużaw fuq iċ-ċeramika jew art oħra li tiżloq, dan għandu jinżamm sod fil-post minn persuna oħra filwaqt li l-ewwel persuna tkun fuq is-sellum.

»Ikkunsidrat:

»illi fir-rapport preliminari tiegħu dwar l-inċident l-assistent tar-rikorrenti jgħid li l-art fejn kien qed jaħdem ir-rikorrenti bis-sellum kienet tal-*high gloss ceramic*;

»illi s-sellum kellu s-saqajn tiegħu miksija bil-gomma u kienu tali li setgħu xorta jipprovdu *grip* tajjeb mal-art, u kienu ta' kundizzjoni tajba.

»Ikkunsidrat:

»illi minn analisi tar-riżultanzi fuq sintetikament esposti jirriżulta s-segwenti:

> »illi s-sellum provdut lir-rikorrenti biex jeżegwixxi x-xogħol tiegħu kien tajjeb, kien jissodisfa r-regolamenti rigwardanti s-saħħa u s-sigurtà, u meta l-istess rikorrenti eżamina l-lastiku tiegħu qabel ma tela' fuqu sab li kien mija fil-mija tajjeb;
>
> »illi rigward is-slielem użati mis-soċjetà intimata jirriżulta li meta għamlet sejħa għax-xiri tal-istess, wara li kumitat appożitu evalwa l-istess offerti, dan għażel l-offerent l-aktar għoli peress li dan offra *safety feature*s addizzjonali fir-rigward, aktar mill-offerenti l-oħra;
>
> »illi mistoqsi in kontro-eżami jekk kellux xi spjegazzjoni għall-inċident in diżamina, l-istess rikorrenti jsostni li ma kellux spjegazzjoni għall-akkadut.

»Ikkunsidrat:

»illi tenut kont tar-riżultanzi kif fuq elenkati jirriżulta sintetikament is-segwenti:

> »illi s-sellun użat mir-rikorrenti kien skont l-i*standards* rikjesti mill-liġi għal dak li għandu x'jaqsam ma' saħħa u sigurta' fuq ix-xogħol;
>
> »illi s-sellum *de quo* kien użat waħdu mir-rikorrenti fuq iċ-ċeramika, meta f'dan il-każ ħaddiem hu espressament obbligat ikun assistit;
>
> »illi r-rikorrenti ma talabx għal din l-assistenza u għażel li jistrieħ fuq l-esperjenza tiegħu fir-rigward;
>
> »illi *di più* għandha tiġi wkoll ikkunsidrata l-istazza tar-rikorrenti fir-rigward kif hu stess jindirizza fix-xhieda ġuramentata tiegħu *a fol.* 103B meta jgħid:
>
> > »"...iċċekkjajt illi m'hemmx ilma mal-art, għax altrimenti s-sellum jista' jiżloq, u li s-sellum kellu l-lastiku mas-saqajn tiegħu. Dana, speċjalment, *in vista* tal-fatt, il-piż tiegħi".

»Ikkunsidrat:

»illi *in vista* tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-soċjetà intimata hi estranea għall-inċident in diżamina.

»Ikkunsidrat:

»illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma ppruvawx il-każ tiegħu skont il-liġi ... … …«

15. L-atturi konjuġi Bugeja appellaw b'rikors tat-2 ta' Diċembru 2015 li għalih is-soċjetà appellata wieġbet fit-22 ta' Diċembru 2015.

16. L-aggravji tal-atturi appellanti jolqtu l-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti. Igħidu li "l-ewwel qorti ... ma fehmitx u għamlet apprezzament żbaljat ta' x'inhu u xi jfisser *singleton*". Igħidu wkoll li "l-ewwel qorti għamlet apprezzament żbaljat u kkwotat totalment barra mill-kuntest id-disposizzjonijiet rilevanti mill-manual *Saħħa u Sigurtà – Gwida għall-ħaddiem ta' barra*" u li għamlet ukoll "apprezzament żbaljat tar-responsabilità". Komplew fissru l-aggravji tagħhom hekk:

> »3. … … … Dwar l-ewwel aggravju, *singleton* ifisser fil-kuntest illi impjegat ikollu l-inċentiv u l-*kit* li jaħdem waħdu, għalhekk 'singlu' u jieħu *allowance* tax-xogħol ta' dan. Ifisser ukoll illi huwa jsejjaħ l-għajnuna jekk jidhirlu li hemm il-bżonn, iżda mhux neċessarjament, kif erronament irriteniet l-ewwel qorti. … … … l-ewwel Qorti ikkonkludiet illi Joseph Bugeja l-attur kellu xi dmir illi jitlob l-assistenza, anzi addebitatlu bħala nuqqas dan il-fatt illi ma talabx l-assistenza. Fil-verità, il-prattika u d-direttivi, li mhux kontradetti mill-*Go*, huwa illi *singleton* jitlob l-assistenza biss meta jħoss il-bżonn. Anqas huwa minnu illi b'xi mod huwa kien *extra*-konfidenti, kif qisha implikat l-ewwel qorti meta qalet illi "r-rikorrenti ma talabx għal din l-assistenza u għażel li jistrieħ fuq l-esperjenza tiegħu fir-rigward." Ir-raġuni ta' din il-konklużjoni ma ġietx spjegata mill-ewwel qorti.
>
> »4. Illi dan, bir-rispett, mhu minnu xejn, għaliex Bugeja, għaliex kien persuna prudenti, talab għall-għajnuna ta' fuq barra, mhux biex iżommlu s-sellum, imma sabiex il-karozzi igħaddu 'l barra minn Bugeja. Tant illi kien intbagħatlu Mario Debono biex igħinu jara fuq il-perikli fuq barra, peress illi kienu qed jaħdmu ġo t-triq u f'kantuniera. Fil-fatt Debono kien qed jipprepara l-*cones* li solitament isiru. Il-*Go* konvenuta wieġbet illi dan Debono messu żammlu s-sellum u għaddielu l-għodda. Dan ma kenitx il-prattika, ma nġabet ebda prova dwar dan; anzi il-prattika kienet kontra, u kif xehdu Bugeja u Debono illi *singleton* jaħdem waħdu u jsejjaħ l-għajnuna fejn iħoss li għandu bżonn.
>
> »5. Il-punt kritiku huwa illi l-attur Bugeja weġġa' ġewwa u Mario Debono, kien imsejjaħ u mibgħut għal barra, minħabba l-karozzi fil-kantuniera li Bugeja deherlu li kellu bżonn. Dan il-punt ġie totalment injorat mill-ewwel qorti li ma ratx din id-distinzjoni ta' fatt fondamentali.
>
> »6. Illi altrimenti, fil-prattika tax-xogħol, il-kunċett ta' *singleton* ma jagħmilx sens. X'inhu l-iskop li sejjaħlu *singleton* jaħdem waħdu, salvi il-każ ta' bżonn? Is-sottomissjoni tal-*Go* għalhekk ma kenitx korretta fil-kuntest, kienet fuorvijanti u rnexxielha bir-rispett tisvija d-direzzjoni tal-ħsieb tal-qorti. Xejn fid-dokumenti u provi annessi ma jikkontradiċu dak li xehed Bugeja, u anke jekk hemm xi manwal igħid kontra, il-*Go* hekk kienet timxi u ma tistax għalhekk issa tippretendi illi tmur kontra l-

prattika illi hija stess ippermettiet u tat il-kunsens għaliha. Biex jagħlaq fuq il-punt tas-sottomissjoni fuq is-*singleton*, ma kien xejn irregolari jew mhux skond il-prattika aċċettata. Mhux imbilli il-*Go* targumenta fis-sottomissjonijiet li messu talab l-għajnuna, ix-xhieda ta' Bugeja dwar il-prattika ma ġietx kontradetta bi provi. Ukoll tibqa' il-mistoqsija fondamentali, x'sens jagħmel *singleton*, biex dan ikollu in-nies miegħu u jiġi assistit minn ħaddieħor, jekk ma jinħassx il-bżonn? Alternattivament, din tkun kontradizzjoni fit-termini.

»7. Illi kwantu għat-tieni aggravju, jidher bl-akbar rispett illi l-ewwel qorti qrat barra l-kuntest il-*manual*. Il-paġna indikata mill-ewwel qorti, li hi OHS 6/00 paġna 9, ma għandha x'taqsam assolutament mal-inċident. Ibda biex, it-titolu huwa "*Użu ta' slielem ġewwa parapetti*" kif jindikaw ir-ritratti. Ir-raġuni hija illi x-xogħol indikat fil-ktieb kollu u anke fil-paġna indikata jirreferi għal xogħol fuq barra … … … Ix-xogħol f'dan il-każ sar fuq ġewwa u mhux fuq barra. Is-sellum indikat fil-*manual* huwa ta' l-injam, waqt li fil-każ in eżami kien tal-*aluminium*. *Singleton* biex idaħħal sellum fi proprjetà ta' terzi aktarx irid jaħdem b'sellum tal-*aluminium*, għaliex dan jista' jinġarr waħdu u għalhekk *singleton*. Sellum tal-injam huwa ħafna aktar goff u bir-riskju li jolqot l-affarijiet ġewwa. Dwar l-għodda, l-ewwel qorti tirreferi għal *ladder securer* – dan f'ebda każ ma jista' jintuża ġewwa, sakemm mhux proprjetà fi stat *shell*, ġebel u saqaf. Ir-ritratt f'paġna 9 tal-*manual* jindika illi din l-għodda *ladder securer* jintuża barra, kif hemm hemm fuq ir-ritratt u mhux ġewwa bħal dan il-każ. Għalhekk l-osservazzjoni tal-qorti kienet, bir-rispett, żbaljata u irrelevanti għaliex marret fuq ċirkostanzi totalment differenti.

»8. Illi l-ewwel qorti irreferiet għal punt fil-*manual* fl-istess paġna "illi meta s-sellum jintuża fuq iċ-ċeramika jew art oħra tiżloq, dan għandu jinżamma sod fil-post minn persuna oħra, filwaqt li l-ewwel persuna tkun fuq is-sellum …". Il-prattika mhux kienet tal-*Go* u dan għaliex il-proprjetajiet fiż-żminijiet tal-lum huma, fil-maġġoranza stragrandi, ċeramika u allura jintilef kull skop ta' *singleton* fuq ġewwa. Apparti dan, l-ewwel qorti stqarret illi s-sellum kellu l-lastiku fis-saqajn u miksija bil-gomma u kien tali li seta' xorta jipprovdi *grip* tajjeb mal-art – dan juri illi fi kwalunkwe każ ma kienx hemm bżonn ta' għajnuna. Il-problema huwa fis-sellum għax ma felħux u ċeda bih;

»9. Illi l-esponenti igħaddi għat-tielet aggravju, *cioè* dik tar-responsabilità. L-ewwel qorti qieset illi l-konvenuta kienet estranea għar-responsabilità. L-esponent appellant jattribwixxi r-responsabilità lill-intimata għaliex l-'armar' provdut ma kienx suffiċjenti għalih. Dik hija l-kontenzjoni, illi ma ġiex provdut b''għodda' li f'dan il-każ huwa s-sellum: seta' kien ingall, jew attrezzaturi oħra illi huma idonei u suffiċjenti għalih.

»10. Illi l-esponenti jittratta żewġ punti f'dan l-appell: l-ewwel huwa d-dover rikonoxxut illi min iħaddem jipprovdi "*a safe system of work*" lil min jaħdem. It-tieni huwa illi min jippretendi d-danni irid jipprova n-nuqqas tal-kontroparti. Dwar l-ewwel punt, dan huwa rikonoxxut kemm ġurisprudenzjalment, kif ukoll mill-*Health and Safety*. Per eżempju, ir-Regolamenti dwar Apparat tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi għas-sigurtà u s-saħħa) SL 424.30, jipprovdu illi:

> »"3. (1) (*a*) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-apparat tax-xogħol għad-disposizzjoni tal-ħaddiema

fl-intrapriża u, jew l-istabbiliment innifsu jkunu adatti għax-xogħol li jkun ser jitwettaq jew adatti kif imiss għall-iskop u jkunu ser jintużaw mill-ħaddiema mingħajr perikolu għas-sigurtà u għas-saħħa tagħhom.

»“(*b*) Fl-għażla tal-apparat tax-xogħol li huwa jipproponi li jintuża, min iħaddem għandu jagħti każ tal-kondizzjonijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tax-xogħol kif ukoll tal-perikoli li jeżistu fl-intrapriża u, jew l-istabbiliment, b’mod speċjali fil-post tax-xogħol, għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema, u, jew kull periklu addizzjonali li jirriżulta mill-użu tal-apparat in kwistjoni.”

»… … … dan huwa eżempju wieħed biss ta’ prinċipju ġenerali illi irid ikun sistema *safe* mhux biss oġġettivament imma anke tapplika għall-persuna. Huwa rilevanti biss sa ċertu punt illi l-*Go* tgħid illi huma xtraw apparat / slielem għaljin u għamlu t-testijiet rilevanti u sabuhom tajbin. Anke jekk dan huwa veru, għaliex dawn ir-riżultati ma ntwerewx, huwa rilevanti sa ċertu punt. Għaliex hemm l-aspett l-ieħor illi l-mezzi jridu jkunu suffiċjenti wkoll għall-persuna. L-attur Joe Bugeja ilu ħafna snin ħadem mal-*Go*, il-profil tiegħu huwa magħruf, saħansitra kien fdat biex igħallem lill-istudenti kif jaħdmu, u l-*Go* kellha għalhekk id-dover illi tara illi s-sellum ikun suffiċjenti;

»11. Illi dan jorbot ukoll ma punt ieħor, kemm ta’ prinċipju kif ukoll ta’ prova. Huwa prinċipju akkolt u paċifiku illi min jallega t-tort tal-kontroparti irid jippruvah. Dan it-tort isib diversi manifestazzjonijiet, jew fin-nuqqas ta’ attenzjoni neċessarja, jew nuqqas ta’ diliġenza ta’ missier tajjeb ta’ familja jew nuqqas ta’ dover impost fil-liġi. Dan il-prinċipju mbagħad isib applikazzjoni partikolari fil-kuntest tad-doveri ta’ *employer*, fis-sens illi l-liġi kważi resqet lejn responsabilità oġġettiva. Dan għaliex titfa’ fuq l-employer l-oneru tal-prova, l-artikolu 11 tal-istess Regolament 424.30.

»12. Fil-każ speċifiku, irriżulta illi Joseph Bugeja ħadem bl-għaqal u professjonalità mistennija minnu. Il-prova ta’ dan huma l-marki tas-sellum. Kemm Joseph Bugeja, kif ukoll ix-xhud okulari Mario Debono preżenti xehdu illi s-sellum kellu żewġ marki. Dan ifisser illi tqiegħed tajjeb u kien armat kif suppost, għaliex kieku ma tqegħidtx hekk jew tqiegħed mod ieħor ma kienx ikun marki. Ma nġabet ebda evidenza jew prova li turi li Bugeja ħadem ħażin, jew ma kienx attent. Anzi huwa stess xehed illi, qabel ma beda għamel il-proċedura rikjesta, ivverifika l-gomma u l-papoċċi. Jiġifieri moħħu kien hemm. Mario Debono ikkonferma illi Bugeja ħadem perfett u li xogħolu tul is-snin kien jafu sew.

»13. Tradott dan fil-kuntest, ifisser allura l-Go kellha tagħti spjegazz-joni kredibbli: la darba ma ġiex stabbilit xi nuqqas ta’ Bugeja, l-oneru tal-prova għaddha fuq il-*Go*, li kellha bil-fors turi għaliex ma ġarax l-inċident tort tagħha. Il-posizzjoni hawn tal-esponent hija ċara legal-ment, l-inċident ġara għaliex kien hemm nuqqas attribwibbli lil *Go* u dan kien jikkonsisti filli s-sellum ma kienx kapaċi għall-piż u l-istatura tiegħu, kif altrimenti kellu jkun. Din hija l-posizzjoni illi ħa l-attur u l-*Go* wieġbet illi saru t-testijiet u nstab tajjeb. Però mhux dan il-punt, għaliex il-punt ta’ Bugeja huwa illi s-sellum ma kienx addatt għalih, anke jekk għal ħaddieħor seta’ kien. Rilevanti ukoll illi l-*Go* ma ppreżentatx ir-rapporti tagħha interni u ma nġabux il-konsulenti tal-*GO Resolve Consulting Limited*, li marru fuq il-post u qalu li għandhom xi jgħidu,

biex jiskarikaw dan l-oneru jew juru it-tort jew nuqqas ta' Bugeja. Minn dan ma ġara xejn;

»14. Illi biex jagħlaq din is-sottomissjoni, l-esponenti jirrileva illi ebda waħda minn dawn il-punti ma ġew kunsidrati, għalkemm imqajmin quddiemha, mill-ewwel qorti. Anzi din iffokat bir-rispett fuq aspetti oħrajn ta' rilevanza periferali fil-kuntest, u għalhekk l-esponent jitlob lil din l-onorabbli Qorti ta' l-Appell biex anke tiffoka l-attenzjoni tagħha fuq dawn.«

17. Is-soċjetà appellata wieġbet hekk:

»5. Illi, kif irriżulta, ir-rikorrenti kien impjegat mas-soċjetà appellata u wara li għaddew kważi għoxrin sena li kien ilu hekk impjegat, u jaħdem, għal ċertu tul ta' żmien, bħala *singleton*, huwa weġġa' fil-kors tax-xogħol tiegħu. Għal dan il-fatt huwa attribwixxa t-tort fuq is-soċjetà appellata u jallega li weġġa' minħabba li din is-soċjetà ma provditlux lant adegwat (*safe*) għax-xogħol tiegħu.

»6. Ġà ġie ammess *in prima istanza*, u jerġa' jiġi ribadit, illi mhux kontestat illi kien dmir tas-soċjetà appellata li tipprovdi *a safe system of work*: dan hu prinċipju assodat fil-ġurisprudenza nostrana u Alla ħares mhux hekk fl-interess tal-ħaddiema infushom u tas-soċjetà in ġenerali. Dejjem hekk għallmu dawn il-qrati u hekk għandhom dejjem jibqgħu jgħallmu. Hekk ukoll jiddetta is-sens komun u hekk jgħallmu l-awturi.

»7. Wieħed, però, ma jistax jikkonkludi, kif donnhom għamlu l-appellanti, illi, għax impjegat ikun weġġa', allura, awtomatikament, l-*employer* huwa responsabbli. Din il-konklużjoni mhiex awtomatika. L-appellanti jispostaw id-dmir ta' min kellu jġib il-prova. L-appellanti jissottomettu illi kien dmir tas-soċjetà appellata li tressaq prova li provdiet *a safe system of w*ork. Dan bir-rispett kollu huwa żbaljat. Ma kien hemm ebda spostament ta' min kellu jġib il-prova.

»8. Il-prinċipju illi min jallega irid jipprova ġie, għal darba oħra, u ferm reċentement, assodat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet Jean Pierre Azzopardi *v.* Brother Austin Gatt (ċit. nru 1995/97) li ġiet deċiża minn din il-qorti fil-15 ta' Diċembru 2015.

»9. Huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika tagħna illi min jallega irid jipprova. Huma l-appellanti li allegaw li s-soċjetà appellata naqset mid-doveri tagħha u kwindi kien jispetta lilhom illi jġibu dak il-grad ta' prova. F'dan l-aspett l-atturi naqsu fis-sens li ma rnexxilhomx jipprovawh. Ma rnexxilhomx jipprovawh mhux għax kien hemm xi nuqqas *da parte* tagħhom iżda għax ma kienx jesisti bħala fatt. Is-soċjetà appellata qdiet onestament u fedelment id-doveri tagħha ta' *employer* esemplari u kien għalhekk illi l-atturi ma irnexxilhomx jipprovaw dan l-aspett. Mankanti tali prova, jaqa' il-fundament tal-kawża kollha.

»10. Kien jispetta lill-appellanti li jressqu dawk il-provi li jikkonvinċu lill-ġudikant, fuq bilanċ ta' probabilità, illi attwalment kienet taħti s-soċjetà appellata għall-akkadut.

»11. Is-soċjetà appellata kellha id-dover biss li tilqa' għall-allegazzjonijiet miġjuba kontra tagħha – *actore non probante reus absolvitur*.

»12. Stabbilit dan bħala wieħed mis-sisien ta' din il-kawża, kif *del resto* prattikament ta' kull kawża, jiġi sottomess bl-akbar rispett illi fattwalment, is-soċjetà appellata marret *oltre* minn dan id-dover tagħha u rnexxielha tipprova li hija mhiex responsabbli għal dak li ġara.

»13. L-appellanti jissottomettu illi iż-żewġ marki li tħallew mal-ħajt meta waqa' s-sellum "huma l-prova li huwa kien qiegħed is-sellum tajjeb u li ċeda is-sellum għaliex kien difettuż jew mhux adattat". Bir-rispett kollu dan huwa raġunament żbaljat għall-aħħar. Fl-umili sottomissjoni tal-esponenti huwa raġunament li ma jreġġiex. Ma hemm ebda ness bejn il-kawża (*cause*) u l-effett u *cioè* l-konklużjoni li waslu għaliha l-appellanti.

»14. Meta xehed l-appellanti Joseph Bugeja fis-seduta tal-23 ta' Jannar 2013, in kontro-eżami, riferibilment għas-sellum in kwistjoni, huwa qal "għandi ngħid illi l-lastiku tiegħu żgur li kien 100% tajjeb meta jien ġejt biex nużah għax l-ewwel ħaġa li nagħmel dejjem niċċekkjah". Wieħed jista' joħodha bħala assjomatika illi l-appellanti Joseph Bugeja ma riedx li jkollu inċident fuq ix-xogħol – għalhekk l-ewwel ħaġa li kien jagħmel qabel ma jmidd is-sellum mal-ħajt huwa li jiċċekkja l-papoċċi tas-sellum u f'dan il-każ sab li kienu perfetti – "100% tajjeb".

»15. Mitlub jagħti spjegazzjoni għala ġara li ġara u *cioè* li s-sellum iżżerżaq mal-ħajt huwa wieġeb "ngħid li jien ma għandix spjegazzjoni". Kif ġà ingħad Bugeja kien ilu aktar minn għoxrin sena impjegat mas-soċjetà appellata; uża slielem miljum darba qabel ma ġara l-inċident. Madanakollu, b'dik l-esperjenza kollha li għandu, l-appellanti ma kienx kapaċi jsib spjegazzjoni konvinċenti għalih innifsu għala is-sellum iżżerżaq. Għax ma sabx spjegazzjoni konvinċenti kif ġara li ġara, allura jikkonkludi, fil-paragrafu (8) tar-rikors tal-appell tiegħu illi "il-problema huwa fis-sellum għax ma felħux u ċeda bih"!

»16. Fil-fatt hemm distinzjoni netta bejn dak li qed jgħid l-appellanti li s-sellum "ċeda bih" għal dak li fattwalment ġara. Bil-kliem "ċeda bih" wieħed jifhem li l-appellanti qed jissottometti illi, per eżempju, ċedew l-iskaluni u waqa'. Fil-fatt li ġara hu li is-sellum iżżerżaq minn mal-ħajt. La darba is-sellum tpoġġa mmejjel mal-ħajt u la darba l-istess sellum iżżerżaq, l-unika spjegazzjoni plawsibbli hija li l-angolu li fih tpoġġa s-sellum mill-appellanti kien wiesa' wisq u *cioè* kien wiesa' żżejjed u għalhekk hekk kif sab it-toqol tal-ġisem tal-appellanti dan ma felaħx u iżżerżaq għal mal-art. Kieku min issejjaħ biex jgħin lill-appellanti kien ġewwa, fejn suppost li kien, iżomm is-sellum, dan l-inċident kien jiġi evitat.

»17. Illi l-konklużjoni li wasal għaliha l-appellanti, bir-rispett kollu, hija konklużjoni gratuita għall-aħħar u li ma hija msejsa fuq ebda provi. Irriżulta abbondantement illi attwalment bħal dan is-sellum is-soċjetà appellata xtrat numru ta' slielem – aktar minn għaxra. Dawn is-slielem ilhom jintużaw, regolarment u kulljum, minn mindu nxtraw. Qatt ma ġara ebda inċident simili għal dak mertu tal-kawża. Is-sellum innifsu li bih korra l-appellanti ġie eżaminat minn nies tekniċi tas-soċjetà appellata, ma nstab li għandu ebda difett u għadu qed jintuża regolarment, kulljum, bħas-slielem l-oħra. Qatt ma ġara ebda inċident ieħor. Dan ġie affermat mill-impjegati rappresentanti tas-soċjetà

appellata li xehdu f'dawn il-proċeduri mingħajr ma ħadd ikkontra-diċihom.

»18. La ma hemmx spjegazzjoni konvinċenti (raġonevoli) għala iżżerżaq l-imsemmi sellum, ċertament li ma jistax jiġi konkluż, kif ikkonkludew l-atturi, illi allura hija is-soċjetà appellata li taħti "għax is-sellum ma fellħux u ċeda bih". Kien dover tal-appellanti li jressaq prova konvinċenti għala iżżerżaq is-sellum.

»19. Ir-rappresentanti tas-soċjetà appellata u senjatament Joseph Agius spjega illi huma għandhom proċedura sħiħa skond kif jagħżlu l-forrnituri tal-atrezzi tagħhom u ma jaqbdux u jagħżlu lill-aktar irħis fost it-*tenderers* tagħhom. Senjatament dwar slielem, huwa spjega li jagħżlu lil min huma jħossu li jistgħu jipprovdulhom l-atrezzi adegwati għall-iskop li ikollhom bżonnhom. Infatti huwa xehed "wara li is-soċjetà intimata ikkunsidrat is-*safety features* tal-istess slielem għażilna l-aktar wieħed għoli peress illi dan kellu *safety features* addizzjonali aktar mill-oħrajn".

»20. Huwa preċisament għal din ir-raġuni illi s-soċjetà appellata tis-sottometti illi attwalment hija marret *oltre* mid-doveri tagħha, fil-kawża presenti, u rnexxielha tipprova wkoll illi attwalment hija qdiet fedelment l-oneru tagħha li tipprovdi *a safe system of work*, skond kif hija tenuta bil-liġi li għandha tagħmel.

»21. Ir-rikorrenti ħass li, avolja huwa *singleton*, ma setax jespleta l-inkarigu li kellu waħdu. Huwa kellu id-dritt, anzi l-obbligu, li jitlob l-għajnuna, fejn dan ikun meħtieġ. Kien jaf li seta' jagħmel hekk. Hekk qalulu id-diriġenti tas-soċjetà appellata li kellu jagħmel. L-appellant jargumenta li kienet fakoltà tiegħu li jitlob l-għajnuna u jissottometti li fil-fatt l-għajnuna li talab kienet għal barra u mhux biex jgħinu fuq ġewwa, fejn attwalment kien qed jaħdem. Meta l-appellanti ċempel lis-soċjetà appellata biex tibgħatlu l-għajnuna, huwa ma qagħadx jispjega li għandu bżonn tali għajnuna fuq barra u mhux fuq ġewwa. M'hemmx xi distinzjoni bejn impjegati li sejrin imorru jgħinu lil *singleton* fuq barra minn dawk li sejrin imorru jgħinu *singleton* fuq ġewwa. Kienet fid-diskrezzjoni tiegħu, u *cioè* tal-appellant, bħala *singleton*, li jara kif sejjer jirċevi u jutilizza l-għajnuna li kienet qed tingħatalu. Meta ċempel għall-għajnuna huwa tkellem mal-impjegat tas-soċjetà appellata, Pierre Attard, li kien, fi ħdan il-kumpanija, il-persuna responsabbli biex tara għall-esiġenzi tal-impjegati tagħha. Dan Attard, hekk kif irċeva t-talba għall-għajnuna mill-appellanti, huwa qabad u bagħtlu impjegat ieħor.

»22. Mill-atti tal-kawża irriżulta li dan l-impjegat li intbagħat jgħin lill-appellanti mar jaħdem fuq barra, waqt li l-appellanti kien qed jaħdem fuq ġewwa. X'kienet ir-raġuni għala dan l-impjegat li mar jgħin lill-appellanti, li kien qed jaħdem fuq ġewwa, mar jaħdem fuq barra, hija inspjegabbli. Iżda l-ispjegazzjoni għal dan il-fatt kienet tispetta lill-appellanti li jagħtiha u mhux lis-soċjetà appellata li ssibha. Onestament, *col senno del po*i, dan l-impjegat seta' ma ntbagħat xejn għax ma kien assolutament ta' ebda għajnuna għall-appellanti għax l-appellanti kien qed jaħdem fuq ġewwa, waħdu, u baqa' jaħdem hekk waħdu.

»23. Li messu għamel l-appellanti, meta waslet l-għajnuna, hu li talab lil dan l-impjegat li mar jgħinu biex iżommlu is-sellum, jgħaddilu l-għodda li kellu bżonn – fi ftit kliem, ikun ta' għajnuna għall-appellanti

waqt li huwa kien fuq is-sellum. Kieku dan l-impjegat kien qed iżomm, per eżempju, is-sellum tal-appellanti, kif attwalment messu kien qed jagħmel fost affarijiet oħra, bħal per eżempju wkoll li jgħaddilu l-għodda u kull ma kellu bżonn biex jevita li jkun nieżel u tiela' fuq is-sellum, dan l-impjegat kien ikun qeda l-iskop li għalih kien issejjaħ u mhux biex jagħmel affarijiet oħra barra li l-appellanti seta' faċilment jagħmel waħdu mingħajr l-assistenza ta' ħadd. Minflok, huwa qagħad fuq barra, fit-triq, attent, presumibilment, għax ma ġietx spjegata il-mansjoni tiegħu, li ma jintlaqatx xi sellum ieħor li seta' kellhom fit-triq, li ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak mertu tal-kawża. Kwindi din is-suppost għajnuna ma kienet ebda għajnuna ta' xejn għar-rikorrenti. Isegwi li kien kompletament inutli li l-appellanti sejjaħ għall-għajnuna. X'sens kellha it-talba tal-appellanti għall-għajnuna, jekk, meta waslet, l-appellanti flok applikaha għalih, ħalla lill-impjegat jagħmel xogħol ieħor!?

»24. Fi kliem ieħor flok dawn iż-żewġ ħaddiema ħadmu bħala *team*, ir-rikorrenti u dan l-impjegat, li ntbagħat jgħinu baqgħu jaħdmu separatament u għalhekk bħala *singletons* it-tnejn li huma! Affarijiet tad-dinja l-oħra!

»25. L-appellanti kien intagħżel li jaħdem bħala *singleton* wara sejħa lill-impjegati u huwa kien applika. L-applikazzjoni tiegħu kienet ġiet konsidrata mis-soċjetà appellata u għalhekk kien sar eżami mediku biex jiġi konfermat illi huwa idoneju għal dan ix-xogħol. Għall-preċiżazzjoni jingħad ukoll illi jsir eżami mediku perjodikament sabiex il-kumpannija tibqa' taċċerta ruħha li attwalment l-istess impjegati għadhom adattati għax-xogħol tagħhom. Kif irriżulta mill-provi, l-impjegati jingħataw l-istħarriġ neċessarju sabiex il-kumpannija taċċerta ruħha li kull impjegat jaf x'għandu jagħmel. L-appellanti issodisfa lid-diriġenti tas-soċjetà appellata li attwalment kien kapaċi jaħdem bħala *singleton*. Ovvjament jispetta biss lil kull *singleton*, li, fiċ-ċirksotanzi partikolari meħtieġa, jitlob hu li jingħata l-assistenza relattiva.

»26. Illi peress illi huwa obbligu ta' kull employer li jagħti *safe system of work* lill-ħaddiema kollha tiegħu, bla distinzjoni, skond ma hemm imniżżel f'dak li ġara waqt is-smigħ tas-seduta tal-22 ta' Novembru 2011, is-soċjetà appellata tagħmel taħriġ (*training*) għall-impjegati tagħha, inkluż ir-rikorrenti. Tgħaddilhom *manual* kif għandhom jaħdmu sabiex jevitaw inċidenti fuq il-lant tax-xogħol. Kopja ta' dan il-*manual* ġie esibit u jifforma parti mill-atti wal-kawża. Wara l-inċident Joseph Agius, addett mas-soċjetà appellata mis-saħħa tal-ħaddiema sa mill-1993, stqarr illi is-saqajn ta' dan is-sellum ma irriżultawx difettużi – "la is-saqajn u lanqas is-sellum kollu"!

»27. Ix-xhud esibixxa diversi dokumenti li minnhom jirriżulta illi attwalment l-appellanti kien mgħallem bil-preċiż fuq xogħolu u li huwa baqa' jiġi aġġornat f'dan il-qasam. L-appellanti jaf li sellum għandu jintuża bħala mezz ta' għajnuna għalih iżda jaf ukoll illi, jekk ma joqgħodx attent huwa stess, jista' jkun mezz li bih jista' jkorri. Wara l-istħarriġ mistenni li għandu jingħata lill-impjegati – li, f'dan il-każ, ingħata mis-soċjetà appellata, kif irriżulta abbondantement – l-attenzjoni biex ma jkorrix hija tal-impjegat ossija tal-appellanti. Dan mhux xi tifel li jrid jiġi segwit kull mument tal-ġurnata. L-appellanti huwa raġel tal-affari tiegħu u huwa responsabbli għalih innifsu, kif hu responsabbli kwalsiasi bniedem li qiegħed fil-qasam tax-xogħol.

»28. Meta, sussegwentement, ġiet introdotta is-sistema ta' *singletons*, is-soċjetà appellata ma qabditx u daħħlitha bħallikieku ma kien qed isir ebda tibdil. Dan għamlitu wara li bagħtet nies tagħha għall-istħarriġ barra minn Malta, u implimentatha biss meta kienet ċerta li kienet taf x'kien ser jiġri. Kuntrarjament għal dak allegat mill-appellanti, is-soċjetà appellata mhux biss hi kumpannija responsabbli, iżda wriet li hija tali u li għandha għal qalbha l-interess tal-ħaddiema tagħha.

»29. Kif ġà irriżulta fil-kors tal-kawża, kull impjegat li jrid jibda jaħdem bħala *singleton* kellu japplika u wara li japplika jgħaddi t-*test* li kienet tagħmel il-kumpannija appellata, sabiex din taċċerta ruħha li attwalment it-tali impjegat huwa idoneju għax-xogħol minnu magħżul. Kwindi is-*singleton* ma hux xi dritt sagrosant tal-impjegati tal-kumpannija appellata. Kull min japplika biex jaħdem bħala *singleton* dan jagħmlu sabiex jista' jibbenefika minn benefiċċji li toffri is-soċjetà. Mhux kull min japplika biex jaħdem bħala *singleton* jiġi aċċettat. *Una volta* aċċettat li jaħdem bħala *singleton*, l-istess impjegat ma sarx għandu xi *vested right* li ma jistax jitlef! Is-soċjetà appellata dejjem żammet id-dritt illi meta trid hija tordna lill-impjegat tagħha li ma jibqax jaħdem ta' *singleton*.

»30. Hawn ukoll l-istess soċjetà appellata ma twaqqafx impjegat milli jaħdem bħala *singleton* b'mod kapriċċjuż u jew vendikattiv – fi ftit kliem dan ma tagħmlux kapriċċjosament iżda tagħmlu minħabba raġunijiet serji biżżejjed. Is-soċjetà appellata mhix soċjetà vendikattiva u kwindi tbiddel il-kondizzjonijiet biss jekk ikun hemm raġuni għala dan isir – però, bħala stat ta' fatt, ebda impjegat ma għandu id-dritt li jibqa' jaħdem bħala *singleton* għal ħajtu kollha u indipendentement minn kollox. Id-dritt huwa tas-soċjetà li tappunta u konsegwentement anke twaqqaf impjegat milli ikompli jaħdem ta' *singleton*, iżda jispetta lis-*singleton* stess illi, fejn jidhirlu li x-xogħol partikolari jeħtieġ l-assistenza, jitlob hu li jingħata tali assistenza, kif fil-fatt ingħata. Jiġi rilevat, però, li jispetta lill-impjegat li jutilizza tajjeb tali assistenza u mhux jibgħatu, lil min imur jgħinu, jagħmel xogħol ieħor.

»31. Dan id-dritt tas-soċjetà intimata jirrikonoxxih ukoll l-appellanti innifsu.

»32. Illi kwantu għall-ammont reklamat bħala kumpens għad-danni, jidher li fir-rikors tal-appell ma hemm ebda aċċenn u għalhekk is-soċjetà appellata toħodha li huwa qed jistrieħ fuq dak minnu sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Is-soċjetà appellata, similment, tissottometti illi hija ma għandha għalfejn tgħid xejn f'din ir-risposta f'dan ir-rigward u dan għar-raġuni li hija tirritjeni li ma hija b'ebda mod responsabbli għall-akkadut.

»33. Iżda, u dan qed jingħad fl-għar ipotesi għaliha, u *cioè* fl-eventwalità illi dan l-appell jintlaqa u din l-onorabbli qorti issib li s-soċjetà appellata hija responsabbli għall dak li ġralu l-appellanti, allura is-soċjetà appellata tagħmel riferenza sħiħa għal dak minnha sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha f'dan ir-rigward.«

18. Il-qorti tibda billi tgħid illi, irrispettivament fuq min qiegħed l-oneru dwar jekk il-konvenuta ipprovdietx *a safe system of work* – jekk hux

fuq il-konvenuta li turi li wettqet dan l-obbligu jew fuq l-atturi li juru li naqset – f'dan il-każ il-qorti hija sodisfatta illi ntwera li l-konvenuta ħarset dan l-obbligu tagħha u ma ntweriex li hija ħatja ta' xi nuqqas. Inġiebet xiehda li turi li s-sellum kien ta' kwalità tajba, ma joħloq ebda perikolu jekk użat sew, u illi l-pratiċi ta' xogħol stabiliti mill-konvenuta huma tajbin.

19. L-attur iżda jgħid illi s-sellum li ngħata ma kienx tajjeb għax ma felaħx għall-piż tiegħu u waqa' bih. Ix-xiehda, partikolarment il-marki mal-ħajt mibruxa bis-sellum, juru li s-sellum ma ċediex iżda żżerżaq. Li kieku tassew "ċeda" taħt il-piż tal-attur l-iskaluni kienu jinkisru jew jitgħawwġu, iżda ma kien hemm ebda sinjal ta' dan għax is-sellum baqa' sħiħ. Li x'aktarx ġara hu li s-sellum iżżerżaq jew għax tqegħed f'angolu wiesa' wisq mal-ħajt, għalkemm l-attur qal li waqqfu "dritt", jew għax tqiegħed fuq art li tiżloq, jew, x'aktarx, għaż-żewġ raġunijiet flimkien. Ix-xiehda fil-fatt turi illi l-art kienet *high gloss ceramic* u għalhekk ma toffrix daqstant reżistenza. Tassew illi l-papoċċi tal-gomma mas-saqajn tas-sellum kellhom joħolqu attrit biżżejjed biex is-sellum ma jiżloqx, iżda dan biss jekk l-angolu ma jkunx miftuħ wisq. Relevanti wkoll illi l-attur xehed li serraħ is-sellum mal-ġenb tal-post fejn kellu jtaqqab it-toqba għall-*wire* tat-*telephone* u mhux quddiem il-post fejn kellu bżonn itaqqab, li jfisser illi x'aktarx li kellu jmiel lejn il-ġenb biex seta' jaħdem. Dan seta' kellu effett fuq il-bariċentru tas-sellum u ma għenx għall-istabilità tiegħu.

20. F'dawn iċ-ċirkostanzi ħaddiem b'esperjenza bħall-konvenut kien jifhem illi l-għaqal jitlob li jkollu min iżommlu s-sellum waqt li qiegħed jaħdem. Il-pratiċi tal-konvenuta jridu illi jekk il-ħaddiem ikun tal-fehma li ma jistax jaħdem waħdu jew l-għaqal juri li jkun jeħtieġ għajnuna, kellu jitlob l-għajnuna u din tingħatalu. L-attur jistaqsi "X'inhu l-iskop li sejjaħlu *singleton* jaħdem waħdu?", bħallikieku dejjem u bilfors jaħdem waħdu, iżda jwaqqa' l-argument tiegħu stess meta jżid igħid "salv il-każ ta' bżonn", li jfisser li, *singleton* jew mhux, fejn l-għaqal jiddetta li jkollu għajnuna kellu d-dmir li jitlob dik l-għajnuna u kienet tingħatalu, kif jiddettaw il-pratiċi tax-xogħol stabiliti mill-kumpannija. L-attur igħid ukoll illi "anke jekk hemm xi manwal igħid kontra, il-*Go* hekk kienet timxi u ma tistax għalhekk issa tippretendi illi tmur kontra l-prattika illi hija stess ippermettiet u tat il-kunsens għaliha", meta kien hu li ma jimxix kif trid il-prattika fl-assenza ta' rappreżentant tal-kumpannija li għalhekk ma jistax jingħad li "ippermettiet u tat il-kunsens" għan-nuqqas tal-konvenut li jħares il-pratiċi tagħha.

21. Fil-fatt l-attur kien talab għal għajnuna u din ingħatatlu għax intbagtet persuna oħra biex tgħinu. Milli jidher iżda lil din il-persuna qabbadha tagħmel *cones* fit-triq fil-parti fejn kellu jsir xogħol fuq barra, u ma talabhiex tgħinu sakemm kien qiegħed jaħdem fuq ġewwa, fejn seħħ l-inċident. It-tqegħid ta' *cones* jieħu biss ftit minuti u kważi kważi kien xogħol li seta' għamlu l-attur stess waħdu. Fiċ-ċirkostanzi, meqjus partikolarment li s-sellum tqiegħed fuq *high gloss ceramic*, kien ikun

aktar għaqli li lill-persuna li ntbagħtet tgħinu talabha żżommlu s-sellum flok ħalliha barra tħares lejn il-*cones* fit-triq.

22. Din il-qorti, bħall-ewwel qorti, hija sodisfatta illi ma ntwera ebda nuqqas tal-konvenuta fil-qadi tal-obbligazzjonijiet tagħha lejn il-ħaddiema tagħha, u, anzi, intwera illi kien l-attur li ma mexiex b'għaqal u ma nqediex sew bil-għajnuna li ngħatatlu. L-appell għalhekk ma jistħoqqx li jintlaqa'.

23. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr